**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 21 ta' April 2022**

**Provvediment dwar in-nota tal-Avukat tal-Istat**

**ai termini tal-Art. 667 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**

**fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali Nru. 153/2021 GM fl-ismijiet**

**Doris Laferla (K.I. 0671125M),**

**Josef Curmi (K.I. 372960M),**

**Jean Curmi (K.I. 138452M),**

**Marie-Therese Pisani (K.I. 1758953M)**

**vs**

**Avukat tal-Istat,**

**Joseph Muscat (K.I. 805053M) u Mary Rose Muscat (K.I 851161M)**

Il-Qorti:

Rat in-nota tal-Avukat tal-Istat ai termini tal-Art. 667 tal-kodiċi ritwali.

Rat ir-risposta tal-Perit Tekniku.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti ħatret lill-Perit Marie Louise Caruana Galea bħala perit tekniku biex tistabbilixxi l-valur lokatizzjoni tal-fond mertu ta' din il-kawża. Il-fond jikkonsisti f'erba' porzjonijiet t'art separati minn xulxin u l-Perit għamlet stima tal-valur ta' kull waħda minnhom. Ir-Reġistratur qies id-dritt tal-perit fl-ammont ta' €4,494.46. L-aggravju tal-Avukat tal-Istat huwa li skont Art. 16 tat-Tariffa K tal-Kap 12, li hija l-iskeda li tirregola l-ħlasijiet li għandhom isiru lill-periti, id-dritt pagabbli għal kull rapport m'għandu fl-ebda każ jeċċedi €2,000. Il-Perit Tekniku wieġbet billi ċċitat provvediment ta' din il-Qorti[1], diversament ippreseduta, li skontu s-somma massima msemmija kellha tapplika għal **kull** proprjeta` li dwarha jsir rapport. Din il-Qorti, kif issa ppreseduta, taqbel ma' dan ir-raġunament. Fi kliem ieħor, kull valutazzjoni ta' proprjeta` separata għandha titqies bħala rapport. Fil-każ preżenti l-Perit stmat erba' għelieqi distinti u għalhekk Art. 16 tat-Tariffa K għandu jiġi nterpretat li effettivament għamlet erba' rapporti, u mhux wieħed. Għalhekk id-dritt likwidat mir-Reġistratur ma jaqax barra mill-parametri tal-liġi.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-Avukat tal-Istat u tikkonferma d-dritt dovut lill-Perit fis-somma ta' €4,494.46.

Bl-ispejjeż kontra l-Avukat tal-Istat.

Moqri bil-miftuħ waqt l-udjenza tal-lum.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA

[1] APS Bank Ltd v C&M Contractors Ltd Rikors Nru. 560/2017 12.04.2018 *coram* Onor. Imħ. Jacqueline Padovani Grima.